TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 564/10

**Carmelo k/a Charles Muscat**

**vs**

**Grezzju Cassar**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u tmenin ewro (€480), rappreżentanti xogħol ħażin ta' tqegħid tal-madum tal-kamra tal-banju u tal-pajpijiet.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmillu xogħol sabiex jaqla' l-kamra tal-banju, jarmi kollox u jerġa' jqiegħed, kif ukoll kellu jaqla' l-pajpijiet. Illi wara li tlesta x-xogħol, ir-rikorrenti nduna li kien xogħol inferjuri ħafna, tant li beda jillikjalu ħafna ilma u kellu jqabbad persuna oħra sabiex ilestilu x-xogħol u jagħmlu tajjeb.

L-intimat issottometta illi kellu dritt li jirranġa u li għamlulu xogħol tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti għandu raġun f'dak li qal u li ma setax jistenna lill-intimat sabiex jirranġa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888